MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
## MAGISTRAT DR.
## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Numru. 1027/2012

Il-**Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**vs.**

**William Sultana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **William Sultana**, ta' tminax (18) il-sena, bin Mario u Gaye Madalene neé Pankhurst, imwieled Londra, nhar it-18 ta' Ottubru, 1993, residenti fil-fond numru indirizz 14, C'est C'a, Triq Paolo Parisio Muscati, Naxxar, detentur tal-Karta tal-Identita bin-Numru 563993(M), akkuzat talli nhar id-29 ta' Settembru, 2012, ghal habta tad-disgha ta' filghaxija (21:00hrs) u sieghat ta' qabel gewwa 14, C'est C'a, Triq Paolo Parisio Muscati, Naxxar:

1. bil-hsieb li jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Catherine Sultana, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi beda jaghfas b'idejh ghonq (jifga) l-imsemmija Catherine Sultana liema delitt ma

giex esegwit minhabba li William Sultana waqaf minn rajh milli jikkonsma d-delitt;

2. volontajrament kkaguna feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Catherine Sultana, ohtu;

3. volontarjament ghamel hsara li jammonta ghal aktar minn mitejn tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€ 232.94) u dan ghad-detriment ta' Gaye Madalene Pankhurst, ommu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 18 ta' Marzu 2013 li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikoli 41(1)(b) u 216(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikolu 221(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 222(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(d) Artikolu 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(e) Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(f) Artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tallum, gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fit-18 ta' Marzu 2013, f'liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet, fis-seduta tat-18 ta' Frar 2013, lil Catherine Sultana u lil Gaye Madalene Pankhurst jiddikjaraw li kienu qed jaghzlu li ma jixhdux fil-konfront tal-imputat u li kienu qed jirrinunzjaw ghal dak li huwa rinunzjabbli.

Rat li l-imputat ma xehedx u anqas ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi, in segwitu ta' dak li gie mismugh quddiem il-Qorti, ma jirrizultax li l-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat gew sodisfacentement pruvati u ghaldaqstant l-imputat ser jigi liberat minnhom. Fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni, *stante* li Catherine Sultana rrinunzjat ghal dak li huwa rinunzjabbli, il-Qorti ser tghaddi biex tiddikjara l-procediment ezawriet fil-konfront tal-imputazzjoni msemmija.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fir-rigward tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjonijiet, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat William Sultana hati taghhom u b'hekk tilliberah minnhom, u fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni tiddikjara l-procediment ezawriet *stante* rinunzja.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------